Nru./No. 20,976
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022
Friday, 16th December, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,647 - 16,661
Government Notices ..... *16,647 - 16,661*

Avviżi tal-Pulizija ..... 16,662 - 16,664
Police Notices ..... *16,662 - 16,664*

Avviżi lill-Baħħara ..... 16,664 - 16,665
Notices to Mariners ..... *16,664 - 16,665*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 16,665 - 16,706
Employment Opportunities ..... *16,665 - 16,706*

Avviżi tal-Gvern ..... 16,707 - 16,735
Notices ..... *16,707 - 16,735*

Offerti ..... 16,735 - 16,740
Tenders ..... *16,735 - 16,740*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,740 - 16,746
Court Notices ..... *16,740 - 16,746*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1691

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne MD, FRCS (Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar l-Erbgħa, 14 ta' Dicembru, 2022, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

It-12 ta' Dicembru, 2022
(OPM/19/2022)

Nru. 1692

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Wirt Kulturali ta' Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sur Etienne Schembri bħala membru biex jifforma parti mill-Bord tal-Wirt Kulturali ta' Malta.

Din il-ħatra hija b'seħħ mit-3 ta' Ottubru, 2022, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1693

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Bord tal-Wirt Kulturali Intanġibbli

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sa Melanie Ciantar Harrington bħala Segretarja tal-Bord.

Din il-ħatra hija b'seħħ mill-24 ta' Awwissu, 2022, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 1691

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne MD, FRCS (Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of Prime Minister on Wednesday, 14th December, 2022, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

12th December, 2022

No. 1692

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of Heritage Malta Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Mr Etienne Schembri as member to form part of the Heritage Malta Board.

This appointment is with effect as from 3rd October, 2022, and valid up to 12th June, 2025.

14th December, 2022

No. 1693

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of Intangible Cultural Heritage Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Ms Melanie Ciantar Harrington as Secretary to the Board.

This appointment is with effect as from 24th August, 2022, and valid up to 12th June, 2025.

14th December, 2022

Nru. 1694

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Wirt Kulturali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tal-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Wirt Kulturali għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mit-3 ta' Novembru, 2022, kif ġej:

Chairperson
Dott. Joseph Buttigieg

Membri
Is-Sur Gino Trapani Galea Feriol
Is-Sur Anthony Bugeja
Is-Sur Dario Sapiano
Is-Sur Kurt Farrugia
Is-Sur Mario Cutajar
Il-Perit Vincent Cassar
Il-Prof. Victor Axiaq
Il-Perit Norbert Gatt
Is-Sa Maria Grazia Cassar
Is-Sa Simone Mizzi
Is-Sur Mario Farrugia
Is-Sur Brian Zammit
Is-Sur Kenneth Coleiro

Segretarja
Is-Sa Sarah Attard Galanze

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet (3) snin validi tat-2 ta' Novembru, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

No. 1694

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the National Council for Cultural Heritage

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of the members of the National Council for Cultural Heritage for a period of three (3) years with effect from 3rd November, 2022, as follows:

Chairperson
Dr Joseph Buttigieg

Members
Mr Gino Trapani Galea Feriol
Mr Anthony Bugeja
Mr Dario Sapiano
Mr Kurt Farrugia
Mr Mario Cutajar
Perit Vincent Cassar
Prof. Victor Axiaq
Perit Norbert Gatt
Ms Maria Grazia Cassar
Ms Simone Mizzi
Mr Mario Farrugia
Mr Brian Zammit
Mr Kenneth Coleiro

Secretary
Ms Sarah Attard Galanze

These appointments are for a period of three (3) years valid up to 2nd November, 2025.

14th December, 2022

Nru. 1695

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Bord ta' Festivals Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sa Caroline Agius (eks-ufficio) bħala Segretarja tal-Bord.

Din il-ħatra hija b'seħħ mill-24 ta' Awwissu, 2022, valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

No. 1695

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of Festivals Malta Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Ms Caroline Agius (ex-ufficio) as Secretary to the Board.

This appointment is with effect as from 24th August, 2022, and valid up to 12th June, 2025.

14th December, 2022

Nru. 1696

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Bord tal-Kunsill Superviżorju tal-Kottonera

NGĦARRFU għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tal-membri tal-Kunsill Superviżorju tal-Kottonera għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mill-24 ta' Awwissu, 2022, kif ġej:

Chairperson
Ivan Tabone

Membri
Gordon Dalli
Martin Camilleri

Segretarja
Lucienne Bugeja

Dawn il-ħatriet għal membri huma validi sat-23 ta' Awwissu, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

No. 1696

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Cottonera Supervisory Council

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of the members of the Cottonera Supervisory Council for a period of three (3) years with effect from 24th August, 2022, as follows:

Chairperson
Ivan Tabone

Members
Gordon Dalli
Martin Camilleri

Secretary
Lucienne Bugeja

The appointments for members are valid until 23rd August, 2025.

14th December, 2022

Nru. 1697

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Bord tal-Immaniġġjar tal-Każini tal-Baned

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tal-membri tal-Bord tal-Immaniġġjar tal-Każini tal-Baned għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mit-2 ta' Diċembru, 2022, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur James Pearsall

Membri
Is-Sur Simon Abela
Dott. Dustin Camilleri

Segretarju
Is-Sur Alex Frendo

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet (3) snin validi sal-1 ta' Diċembru, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

No. 1697

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Band Clubs Management Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of the members of the Band Clubs Management Board for a period of three (3) years with effect from 2nd December, 2022, as follows:

Chairperson
Mr James Pearsall

Members
Mr Simon Abela
Dr Dustin Camilleri

Secretary
Mr Alex Frendo

These appointments are for a period of three (3) years valid up to 1st December, 2025.

14th December, 2022

Nru. 1698

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Aġenzija tal-Bord tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-emendi li ġejjin taċ-Chairperson u Membru tal-Aġenzija tal-Bord tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.

Chairperson
Is-Sur Alfred Camilleri għandu jieħu post is-Sa Catherine Tabone.

Din il-ħatra hija b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2022, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

Membru
L-Ambaxxatur Jesmond Cutajar għandu jieħu post is-Sur Mark Attard Montalto.

Din il-ħatra hija valida b'seħħ mit-3 ta' Novembru, 2022, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

No. 1698

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Agency for the Malta Philharmonic Orchestra Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the following amendments of the Chairperson and Member of the Agency for the Malta Philharmonic Orchestra Board.

Chairperson
Mr Alfred Camilleri is to substitute Ms Catherine Tabone.

This appointment is with effect from 1st September, 2022, and valid up to 12th June, 2025.

Member
Ambassador Jesmond Cutajar is to substitute Mr Mark Attard Montalto.

This appointment is with effect from 3rd November, 2022, and valid up to 12th June, 2025.

14th December, 2022

Nru. 1699

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Fondazzjoni tal-Festi Nazzjonali Maltin

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tal-membri tal-Fondazzjoni tal-Festi Nazzjonali Maltin għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mit-13 ta' Ġunju, 2022, kif ġej:

Chairperson
Liam Gauci

Membri
Samuel Agius
Henriette Cannataci
Allan Spiteri
Ian Camilleri
Taqsima tat-Technical and Events

Kordinatur
Albert Marshall

No. 1699

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Foundation for Maltese National Festivities

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of the members of the Foundation for Maltese National Festivities for a period of three (3) years with effect from 13th June, 2022, as follows:

Chairperson
Liam Gauci

Members
Samuel Agius
Henriette Cannataci
Allan Spiteri
Ian Camilleri
Technical and Events Unit

Co-ordinator
Albert Marshall

Membri
John Schembri
Ronnie Vella
Jason Busuttil
Annabelle Stivala
Raymond Pellicano
Aaron Zahra
Eman Felice
Joseph Mary Vella
Charlene Mizzi
Maxilene Bonett (b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2022)
Teddy Farrugia

Segretarju
Eric Fenech Sevasta

Dawn il-ħatriet huma validi għal tliet (3) snin validi sat-12 ta' Ġunju, 2025.

L-14 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1700

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra ta' Membri tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali ta' kulħadd li l-Ministru għall-Wirt, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sur Mario Mamo bħala rappreżentant biex jifforma parti mill-Kunsill Superviżorju tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti.

Din il-ħatra hija valida għal tliet snin mit-3 ta' Novembru, 2022.

L-14 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1701

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Kumitat tal-Kofinanzjament tal-Gvern Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatra tal-membri tal-Kumitat tal-Kofinanzjament għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Awwissu, 2022, kif ġej:

Chairperson
Natalino Attard

Members
John Schembri
Ronnie Vella
Jason Busuttil
Annabelle Stivala
Raymond Pellicano
Aaron Zahra
Eman Felice
Joseph Mary Vella
Charlene Mizzi
Maxilene Bonett (with effect from 1st September, 2022)
Teddy Farrugia

Secretary
Eric Fenech Sevasta

These appointments are for a period of three (3) years valid up to 12th June, 2025.

14th December, 2022

No. 1700

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members Fondazzjoni Patrimonju Malti

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of Mr Mario Mamo as representative to form part of the Fondazzjoni Patrimonju Malti Supervisory Council.

This appointment is valid for three years as from 3rd November, 2022.

14th December, 2022

No. 1701

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Local Government Co-financing Committee

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointment of the members of the Local Government Co-financing Committee for a period of one year with effect from 1st August, 2022, as follows:

Chairperson
Natalino Attard

Membri
Ryan Borg
Christopher Galea
Robert Tabone

Segretarja
Amanda Abela

Dawn il-ħatriet tal-membri huma validi sal-31 ta' Lulju, 2023.

L-14 ta' Diċembru, 2022

Members
Ryan Borg
Christopher Galea
Robert Tabone

Secretary
Amanda Abela

The appointments for members are valid until 31st of July, 2023.

14th December, 2022

Nru. 1702

ĦATRA TA' AĠENT ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 1702

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance and Employment has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marisabelle Azzopardi	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	12.12.2022-14.12.2022

Is-16 ta' Diċembru, 2022

16th December, 2022

Nru. 1703

ĦATRA TA' AĠENT REĠISTRATUR, QRATI TA' GĦAWDEX U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 1703

APPOINTMENT OF ACTING REGISTRAR, GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice has approved the following acting appointment.

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Franklin Calleja	Aġent Reġistratur, Qrati ta' Għawdex u Tribunali *Acting Registrar* *Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	16-19.12.2022, both days inclusive

Is-16 ta' Diċembru, 2022

16th December, 2022

Nru. 1704

ATT TAL-INĠINIERA (KAP. 321)

Bord tal-Inġiniera

NGĦARRFU li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 6 tal-Att tal-Inġiniera (Kapitolu 321), il-

No. 1704

INĠINIERA ACT (CAP. 321)

Inġiniera Board

IT is being notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 6 of the Inġiniera Act

Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ħatar lis-Sur Christopher Tanti minflok is-Sur Carmel Camilleri bħala Segretarju tal-Bord tal-Inġiniera.

Din il-ħatra hija effettiva mit-2 ta' Diċembru, 2022 sal-1 ta' Settembru, 2025.

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1705

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott.Elaine Farrugia bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Loredana Micallef u dan għall-perjodu bejn l-24 ta' Dicembru, 2022 u l-31 ta' Dicembru, 2022, iż-żewġ dati inklużi

Illum l-14 ta' Dicembru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 1706

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Nicolette Vella bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. John Debono u dan għall-perjodu bejn l-24 ta' Dicembru, 2022 u l-31 ta' Dicembru, 2022, iż-żewġ dati inklużi.

Illum l-14 ta' Dicembru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

(Chapter 321), the Minister for Public Works and Planning has appointed Mr Christopher Tanti instead of Mr Carmel Camilleri as Secretary of the Inġiniera Board.

This appointment is effective from 2nd December, 2022 till 1st September, 2025.

16th December, 2022

No. 1705

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elaine Farrugia to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Loredana Micallef for the period between the 24th of December, 2022 and the 31st of December, 2022, both days inclusive

Today the 14th December, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1706

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Nicolette Vella to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr John Debono for the period between the 24th December, 2022 and the 31st December, 2022, both days inclusive

Today the 14th December, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1707

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Caruana, is-Sa Rebecca – Spiżjar, Spiżerija tal-Għażla Tiegħek

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Inguanez, is-Sur Carmelo – Ambaxxatur, Pariġi

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Is-16 ta' Diċembru, 2022
MJEG 21/2020/12
MJEG 21/2021/4

No. 1707

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Caruana, Ms Rebecca – Pharmacist, Pharmacy of Your Choice

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Inguanez, Mr Carmelo – Ambassador, Paris

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

16th December, 2022

Nru. 1708

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.12.2022	€54.584	€0.716

Is-16 ta' Diċembru, 2022

No. 1708

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

16th December, 2022

Nru. 1709

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

Emenda

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1684, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern

Nru. 1709

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 1684, published in Government Gazette No.

Nru. 20,973 tat-12 ta' Diċembru, 2022, in-numru tal-file kellu jkun E09/2002/I/23 u n-numru tal-pjanta relatata kellha tkun P.D. nru. 2006_733_1.

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1710

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Il-Kbira, Ħal Lija (indikat fuq il-pjanta f'paġna 16,656).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta'Jannar, 2023 u l-30 ta' April, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Kbira, Ħal Lija. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar għajnuna jew informazzjoni jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Is-16 ta' Diċembru, 2022

20,973 of the 12th December, 2022, the file number should have been E09/2002/I/23 and the number of the related plan should have been 2006_733_1.

16th December, 2022

No. 1710

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq il-Kbira, Ħal Lija (indicated on site plan on page 16,656).


Any person who is obliged by law to form said road [including by acquiring land necessary for the same formation] has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd January, 2023 and 30th April, 2023, it will be starting road works in Triq il-Kbira, Ħal Lija. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No Parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

16th December, 2022



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Lija\2019 Lija.dwg

UNIT NAME: REGIONS	DRAWING TITLE: HAL LIJA TRIQ IL-KBIRA (TRIQ IN-NAXXAR) (Extents of works aren't binding but indicative)		
HEAD OF UNIT: D.VASSALLO			
PROJECT LEADER: -	DATE: FEBRUARY 2019	FILE NO.: -	DRAWING NO.: RD49/19
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: - / PAGE NO.: 1

Nru. 1711

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL GĦAXAQ

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 58 tad-19 ta' Jannar, 2007, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Għaxaq', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 1711

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL GĦAXAQ

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 58 dated 19th January, 2007, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Għaxaq', the following amendment in **bold** should be made.

ĦAL GĦAXAQ

4. TRIQ DUN MATTEW SCIRIHA, SQAQ NRU. 1

Meta tidħol minn Triq Dun Mattew Sciriha
Entering from Triq Dun Mattew Sciriha

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	1
2	2
Garaxx	3
St Mary	4

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1 (Garaxx)	1
2	2
Ġawhra	**3**
4, St Mary	4

Is-16 ta' Diċembru, 2022

16th December, 2022

Nru. 1712

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-KALKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 219 tal-20 ta' Marzu, 2009, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Kalkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1712

NUMBERING OF DOORS AT IL-KALKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 219 dated 20th March, 2009, under the title 'Renumbering of doors at Il-Kalkara', the following amendments in **bold** should be made.

IL-KALKARA

19. TRIQ PATRI MATTEW SULTANA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Sienja
Left side entering from Triq is-Sienja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Sienja
Right side entering from Triq is-Sienja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	110
Bieb bla numru	112

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
110, **Pebbles**	110
Seneca	**110A**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
112	112

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1713

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL LUQA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 728 tas-7 ta' Lulju, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Luqa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

16th December, 2022

No. 1713

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL LUQA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 728 dated 7th July, 2017, under the title 'Numbering of doors at Ħal Luqa', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL LUQA

TRIQ WIED IL-KNEJJES

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Karmnu

Left side entering from Triq il-Karmnu

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Karmnu

Right side entering from Triq il-Karmnu

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
109	16
110	18
111	20
112, Leonora	22
St Andrew's Court, Mais 3	24

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
16	16
18	**18**
20 (Flettijiet)	**20**
22, Leonora	**22**
Daħla għall-garaxxijiet	**22A**
24	24

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1714

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'PAOLA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 864 tal-20 ta' Lulju, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Paola', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

16th December, 2022

No. 1714

NUMBERING OF DOORS AT PAOLA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 864 dated 20th July, 2018, under the title 'Numbering of doors at Paola', the following amendments in **bold** should be made.

PAOLA

1. TRIQ IL-BELT VALLETTA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Vjal Kristu Re

Left side entering from Vjal Kristu Re

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Vjal Kristu Re

Right side entering from Vjal Kristu Re

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
140, Kurtsnic Crt	116
Sit bla bini	118

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Sit bla bini	120
		Garaxx	122

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		116, Kurtsnic Crt	116
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**118**
		Bieb bla numru (Dar)	**120**
		Garaxx	**120A**
		122 (Garaxx)	122

2. VJAL KRISTU RE

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Pjazza Antoine De Paule
Left side entering from Pjazza Antoine De Paule

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Palazzo Testaferrata	25
Garaxx	27
Garaxx	29
Bieb bla numru	31
Garaxx	33
Sit bla bini	35
37, Yvonne	37

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Pjazza Antoine De Paule
Right side entering from Pjazza Antoine De Paule

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25, Palazzo Testaferrata	25
Burger King	**27**
37, Yvonne	37

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

* In-numri 29, 31, 33 u 35 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub u mibni oriġinarjament

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Nru. 1715

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'PAOLA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1183 tat-12 ta' Ottubru, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Paola', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

16th December, 2022

No. 1715

NUMBERING OF DOORS AT PAOLA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1183 dated 12th October, 2018, under the title 'Numbering of doors at Paola', the following amendment in **bold** should be made.

PAOLA

1. TRIQ ID-DGĦAJJES

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Brittanja
Left side entering from Triq Brittanja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
17, Theresa House	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Brittanja
Right side entering from Triq Brittanja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
19, Carmen	23		
Garaxx	25		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
21, Theresa House	21		
Garaxx	**23**		
25 (Garaxx)	25		

Is-16 ta' Diċembru, 2022

16th December, 2022

Nru. 1716

No. 1716

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1304 tal-24 ta' Novembru, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 1304 dated 24th November, 2017, under the title 'Numbering of doors at Iż-Żejtun', the following amendments in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

TRIQ SAN PORFIRJU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Piju X

Left side entering from Triq San Piju X

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
17, Lorane	15
19	17
Garaxx	19
21	21
Garaxx	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Piju X

Right side entering from Triq San Piju X

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
15, Lorane	15		
17	**17**		
Garaxx	**17A**		
Garaxx	**19**		
21	**21**		
23 (Garaxx)	23		

Is-16 ta' Diċembru, 2022

16th December, 2022

Nru. 1717

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 530, tas-16 ta' Lulju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 1717

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 530, dated 16th July, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-FGURA

41. TRIQ SAN TITU BRANDSMA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sant'Antnin

Left side entering fromTriq Sant'Antnin

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
17 (Garaxx)	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sant'Antnin

Right side entering fromTriq Sant'Antnin

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
26 (Garaxx)	26

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**19**
Garaxx	**21**
Bieb bla numru	**23**
23, Innovative Design Architects	**25**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	**28**
Bieb imbarrat	**30**

Is-16 ta' Diċembru, 2022 16th December, 2022

Nru. 1718

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL FARRUĠ, ĦAL LUQA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 667, tas-26 ta' Lulju, 2002, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Luqa', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 1718

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL FARRUĠ, ĦAL LUQA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 667, dated 26th July, 2002, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Luqa', the following prolongation in **bold** should be made.

ĦAL FARRUĠ, ĦAL LUQA

7. TRIQ IL-BUGĦADAM GRIŻ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tal-Vitorja

Left side entering from Triq Tal-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tal-Vitorja

Right side entering from Triq Tal-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
66, Casa Agius	10

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**12**

Is-16 ta' Diċembru, 2022 16th December, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 198

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġwann

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 p.m. sas-6.30 p.m., toroq magħluqa minn Triq San Ġwann tal- Għargħar, Triq Bella Vista, Triq Felić Borg, Triq iċ-Ċawsli, Triq in-Naspli, Vjal ir-Rihan, Triq R. Caruana Dingli, Triq il-Ġiżi, Triq il-Kampanella u lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġwann.

San Ġiljan

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Diċembru, 2022, mill-5.00 p.m. sas-6.30 p.m., toroq magħluqa minn Triq Lapsi, Triq Sant'Anġlu, Triq Sant'Elija, Triq il-Kbira, Triq Dun Guido Calleja u lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan.

Tal-Ibraġ

Nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2022, mill-4.45 p.m. sas-6.15 p.m., toroq magħluqa minn Triq il-Kwarta, Triq il-Mezza, Triq il-Miżura, Triq il-Keffa, Triq il-Qantar, Triq it-Terz, Triq G. Brassiera u Triq Tal-Ibraġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Diċembru, 2022

POLICE NOTICE

No. 198

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

San Ġwann

On Thursday, 22nd December, 2022, from 5.00 p.m. till 6.30 p.m., closed streets through Triq San Ġwann tal- Għargħar, Triq Bella Vista, Triq Felić Borg, Triq iċ-Ċawsli, Triq in-Naspli, Vjal ir-Rihan, Triq R. Caruana Dingli, Triq il-Ġiżi, Triq il-Kampanella and towards San Ġwann parish church.

St Julian's

On Thursday, 22nd December, 2022, from 5.00 p.m. till 6.30 p.m., closed streets through Triq Lapsi, Triq Sant'Anġlu, Triq Sant'Elija, Triq il-Kbira, Triq Dun Guido Calleja and towards San Ġiljan parish church.

Tal-Ibraġ

On Saturday, 24th December, 2022, from 4.45 p.m. till 6.15 p.m., closed streets through Triq il-Kwarta, Triq il-Mezza, Triq il-Miżura, Triq il-Keffa, Triq il-Qantar, Triq it-Terz, Triq G. Brassiera and Triq Tal-Ibraġ.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th December, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 199

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Birgu

Nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru, 2022, mis-1.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Mina l-Kbira (quddiem il-Knisja tad-Dumnikani) u Triq it-Torri ta' San Ġwann.

POLICE NOTICE

No. 199

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Vittoriosa

On Tuesday, 20th December, 2022, from 1.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq il-Mina l-Kbira (in front of Dominican Church) and Triq it-Torri ta' San Ġwann.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Belt Valletta

Minn nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2022, sal-Ħamis, 22 ta' Diċembru, 2022, mis-7.00 a.m. sal-10.00 p.m., minn Triq il-Mediterran bejn Pjazza Sant'Iermu sa Triq San Nikola, Triq l-Ibjar minn Triq Sant'Ursola sa Triq San Nikola u Triq San Nikola bejn Triq il-Mediterran u Triq Sant'Ursola;

Minn nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2022 mis-7.00 a.m. sal-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru, 2022 fid-9.00 p.m. minn Triq il-Mediterran bejn Triq it-Tramuntana sa Triq San Nikola.

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2022 mis-6.00 a.m. sa nofsillejl minn Misraħ Kastilja kollha.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

In-Nadur

Nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2022, mis-7.00 p.m. sad-9.00 p.m.. ħadd ma jista' jgħaddi minn Triq Diċembru Tlettax, Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku u Triq San Ġwann.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Qala

Nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 2022, mis-7.00 p.m. sat-8.00 p.m., ħadd ma jista' jgħaddi minn Triq Lord Strickland, Triq San Ġużepp, Triq San Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta'April 1688, u Pjazza San Ġużepp;

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Jannar, 2023, mid-9.15 a.m. sal- 10.15 a.m., ħadd ma jista' jgħaddi minn Pjazza San Ġużepp, Triq San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq in-Nadur, Triq il-Forn u Triq il-Kunċizzjoni.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Public transport may also be affected.

Valletta

From Monday, 19th December, 2022, till Thursday, 22nd December, 2022, from 7.00 a.m. till 10.00 p.m., through Triq il-Mediterran between Pjazza Sant'Iermu till Triq San Nikola, Triq l-Ibjar from Triq Sant'Ursola till Triq San Nikola and Triq San Nikola between Triq il-Mediterran and Triq Sant'Ursola;

From Wednesday, 21st December, 2022 from 7.00 a.m. till Friday, 23rd December, 2022 at 9.00 p.m. through Triq il-Mediterran between Triq it-Tramuntana and Triq San Nikola.

On Wednesday, 21st December, 2022 from 6.00 a.m. till midnight through all Misraħ Kastilja.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Nadur

On Saturday, 24th December, 2022, from 7.00 p.m. till 9.00 p.m.. no transit through Triq Diċembru Tlettax, Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku and Triq San Ġwann.

Public transport may also be affected.

Qala

On Saturday, 24th December, 2022, from 7.00 p.m. till 8.00 p.m., no transit through Triq Lord Strickland, Triq San Ġużepp, Triq San Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg, Triq it-28 ta'April 1688, and Pjazza San Ġużepp;

On Sunday, 8th January, 2023, from 9.15 a.m. till 10.15 a.m., no transit through Pjazza San Ġużepp, Triq San Ġużepp, Triq ir-Rebħa, Triq in-Nadur, Triq il-Forn and Triq il-Kunċizzjoni.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th December, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 200

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Minn nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022, fit-8.00 p.m. sal-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2022, fis-2.00 p.m., minn Vjal De Paule (quddiem il-Corinthia).

Il-Madliena

Minn nhar it- Tlieta, 27 ta' Diċembru, 2022, mill-10.00 a.m., sal-Erbgħa, 28 ta' Diċembru, 2022, sal-11.59 p.m., minn Triq il-Madliena

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Diċembru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 215 tal-2022

Xogħol ta' tħejjija għat-tqegħid tal-High Voltage Shore Connection fil-Port il-Kbir – Fuel Wharf

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali dwar ix-xogħol ta' tħejjija għat-tqegħid ta' cable tal-High Voltage Shore to Ship Connection fil-Port il-Kbir.

Ix-xogħol preparatorju se jibda minn post qrib Fuel Wharf. Ix-xogħol għandu jibda nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru, 2022, u mistenni jitlesta sat-Tlieta, 31 ta' Jannar, 2023.

Se titqiegħed silt curtain tul il-linja immaġinarja li tgħaqqad il-punti E, F, G u H kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Se jitpoġġew numru ta' bagi kif muri, bil-blu, fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-bagi fil-punti F u G se jkunu mixgħula matul il-lejl. Qed tintalab distanza ta' sigurtà ta' 10m madwar is-silt curtain.

POLICE NOTICE

No. 200

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħ'Attard

From Wednesday, 14th December, 2022, at 8.00 p.m., till Thursday, 15th December, 2022, at 2.00 p.m., through Vjal De Paule (in front of Corinthia).

Madliena

From Tuesday, 27th December, 2022, from 10.00 a.m., till Wednesday, 28th December, 2022, at 11.59 p.m., through Triq il-Madliena

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

16th December, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 215 of 2022

Preparatory work for the laying of the High Voltage Shore Connection at the Grand Harbour – Fuel Wharf

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public about the preparatory work for the laying of a cable for the High Voltage Shore to Ship Connection Service at the Grand Harbour.

The preparatory work will commence from a location close to Fuel Wharf. Works are to start on Tuesday, 20th December, 2022 and are expected to be completed by Tuesday, 31st January, 2023.

A silt curtain will be laid along the imaginary line joining points E, F, G and H as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

A number of marker buoys will be laid as shown, in blue, on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). The marker buoys at points F and G will be lit up during the night. A safety distance of 10m round the silt curtain is being requested.

Ix-xogħol se jsir mill-barkun Ave Caesar li se jkun irmiġġat bejn is-silt curtain; se tkun qed tassisti wkoll work boat.

Minħabba s-silt curtain, parti mill-moll ma jistax jintuża matul dan il-perjodu.

Parti mix-xogħol se jsir minn għaddasa. Sinjali xierqa skont ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (COLREGS) u l-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali, se jiġu esibiti.

Il-movimenti kollha tat-traffiku fil-viċinanza taż-żona se jkunu ristretti. Il-permess għat-tranżitu taż-żona għandu jinkiseb minn Valletta VTS qabel wieħed jersaq lejn iż-żona.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti għandhom joqgħodu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu qrib iż-żona msemmija hawn fuq.

Huma għandhom ukoll josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u li jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post

Chart affettwata: BA 177

Is-16 ta' Diċembru, 2022

ŻFINMALTA

ŻfinMalta, il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin ta' Malta, taħt id-Direzzjoni Artistika ta' Paolo Mangiola, se tagħmel Awdizzjoni għal Żeffiena Nisa, Irġiel, u Non-binary

ŻfinMalta hija grupp taż-żfin adattabbli ta' talent, b'diversità ta' ilħna kreattivi li jirriflettu l-influwenzi varji li huma parti minn Malta fil-preżent. Sa mill-bidu tagħha, il-kumpanija dejjem utilizzat ħsibijiet ta' ċertu novità fir-rigward taż-żfin kontemporanju fil-Ġżejjer Maltin u avvanzat il-profil taż-żfin b'mod esponenzjali. Hija taħdem mal-aħjar żeffiena u koreografi minn Malta u madwar id-dinja kollha sabiex toħloq produzzjonijiet li huma kuraġġużi, aġġornati, u ta' standard dinji. Il-produzzjonijiet ta' Żfin Malta huma dejjem kollaborattivi u jingaġġaw koreografi, disinjaturi ta' settijiet u kostumi, kompożituri, u artisti tal-arti viżiva, kemm minn Malta u minn barra, filwaqt li tissieħeb ma' organizzazzjonijiet oħra tat-teatru, tal-opra, tal-mużika u tal-arti viżiva.

Ix-xogħol ta' Żfin Malta jistieden l-udjenzi biex jikkontemplaw u jeżaminaw id-dinja kontemporanja bl-ambizzjoni li jżewqu l-ħajjiet ta' dawk kollha li jinteraġixxu mal-kumpanija – udjenzi, kollaboraturi, kif ukoll parteċipanti.

The work will be carried out from the barge Ave Caesar which will be moored within the silt curtain; a work boat will also be assisting.

Due to the silt curtain, part of the quay cannot be used during this period.

Some of the works will be carried out by scuba divers. Appropriate signals in accordance with the Regulations for the Prevention of Collisions at sea (COLREGS) and the International Code of Signals, will be exhibited accordingly.

All traffic movements in the vicinity of the area will be restricted. Permission to transit the area is to be obtained from Valletta VTS prior to approaching the area.

Masters and vessel operators are to keep a sharp lookout and navigate at very slow speed (no wake) when in proximity of the above-mentioned area.

They are also to comply with any instructions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and to co-operate with the contractor on site.

Chart affected: BA 177

16th December, 2022

ŻFINMALTA

ŻfinMalta, the National Dance Company of Malta, under the artistic direction of Paolo Mangiola, is holding an Audition for Female, Male and Non-binary Dancers

ŻfinMalta is a talented and adaptable dance ensemble with a diversity of creative voices reflecting the many influences that are part of today's Malta. Since its inception, the company has pioneered fresh thinking about contemporary dance in the Maltese Islands and raised the profile of dance exponentially. It works with the best dancers and choreographers from Malta and around the globe to create productions that are bold and current and of a world-class standard. Its productions are always collaborative, engaging choreographers, set and costume designers, composers, and visual artists from Malta and internationally, and partnering with other organisations in theatre, opera, music and the visual arts.

Żfin Malta's work invites audiences to contemplate and question the contemporary world, with the ambition to enrich the lives of all who interact with the company – audiences, collaborators and participants alike.

Ir-repertorju tagħha jinkludi xogħlijiet ta' Paolo Mangiola, Tânia Carvalho, Francesca Pennini, Núria Guru, Georgia Tegou, Roy Assaf, Jacopo Godani, u Emanuel Gat.

Żfin Malta qed tfittex żeffiena b'ħiliet ta' kordinazzjoni eċċellenti, esperjenza sostanzjali f'ballet klassiku u prattiki ta' żfin kontemporanju, u li għandhom l-abbiltà li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-proċess kreattiv u jadattaw għall-metodoloġiji varji tal-koreografi li taħdem magħhom.

Żeffiena nisa għandhom iħossuhom kunfidenti fit-teknika tal-pointe.

Minimu ta' sentejn ta' esperjenza fi żfin professjonali huwa rekwiżit.

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej: żewġ ritratti (tal-wiċċ u tal-ġisem), CV li tinkludi l-kejl eżatt tat-tul u li tindika x-xogħol preżenti tal-applikant, u video link ta' massimu ta' żewġ (2) minuti*. L-applikazzjonijiet għandhom jintbgħatu lil (vacancies@zfinmalta.mt)

*Links għal Vimeo u Youtube biss se jkunu aċċettati.

Il-kandidati preselezzjonati se jkunu mistiedna għal awdizzjoni nhar is-Sibt, 11 ta' Frar, 2023, fl-istudios ta' ŻfinMalta, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, Il-Belt Valletta, Malta.

Il-kandidati magħżula se jkunu mitluba jibqgħu ġurnata oħra: nhar il-Ħadd, 12 ta' Frar, 2023.

L-applikanti li jintgħażlu jidħlu f'kuntratt imħallas ma' ŻfinMalta, il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin ta' Malta, mill-aħħar ta'Awwissu, 2023 sal-bidu ta' Lulju, 2024, għal massimu ta' 43 ġimgħa. Dan huwa kuntratt ta' servizz ta' tliet snin, li jiġi rivedut fuq bażi annwali.

Skadenza tal-applikazzjonijiet: nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar, 2023, fil-5.00 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew). Il-kandidati preselezzjonati biss se jkunu kkuntattjati sal-Ġimgħa, 13 ta' Jannar, 2023.

Din is-sejħa se tkun limitata biss għal ċittadini reġistrati tal-UE minħabba raġunijiet ta' limitazzjonijiet legali inkwantu tal-viża għar-rwol inkwistjoni. Il-kumpanija ma żżommx awdizzjonijiet online jew privati.

Aktar informazzjoni dwar il-kumpanija u l-attivatijiet tagħha jistgħu jinkisbu minn (www.zfinmalta.org).

Is-16 ta' Diċembru, 2022

Its repertoire includes works by Paolo Mangiola, Tânia Carvalho, Francesca Pennini, Núria Guru, Georgia Tegou, Roy Assaf, Jacopo Godani and Emanuel Gat.

Żfin Malta is looking for dancers with excellent coordination skills, a solid background in classical ballet and contemporary dance practices, and who have the ability to actively contribute to the creative process and adapt to the varied methodologies of the choreographers it works with.

Female dancers should feel confident with pointe work.

A minimum 2 years of professional dance experience is required.

Applications should include all of the following: two photos (face and body), a CV including accurate height and stating current employee, and a video link of maximum two (2) minutes*. Applications are to be sent to (vacancies@zfinmalta.mt)

*Only links to Vimeo and YouTube will be accepted.

Shortlisted candidates will be invited to audition on Saturday, 11th February, 2023, at the ŻfinMalta studios, Mediterranean Conference Centre, Valletta, Malta.

Selected candidates will be asked to stay on for an extra day: on Sunday, 12th February, 2023.

Successful applicants will enter into a paid contract with ŻfinMalta National Dance Company from end of August, 2023 to beginning of July, 2024, for a maximum of 43 weeks. This is a three-year contract for service, reviewed on an annual basis.

Application Deadline: Friday, 6th January, 2023 at 5.00 p.m. (Central European Time). Only shortlisted candidates will be contacted by Friday, 13th January, 2023.

This call shall be limited to EU registered citizens due to visa legal limitations for the role in question. The company does not hold online or private auditions.

Further information about the company and its activities can be found on (www.zfinmalta.org).

16th December, 2022

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

Pożizzjoni ta' Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) fid-Dipartiment tal-Pulizija fl-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza.

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Il-kandidat magħżul jidħol f'inkarigu ta' sena (1) bħala Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist), li jista' jiġedded għal perjodi oħra, jekk ikun qada dmiru b'mod sodisfaċenti.

2.2 Il-Kummissarju tal-Pulizija jirriserva d-dritt li jittermina l-kuntratt ta' Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) mingħajr avviż, b'raġuni ġustifikabbli.

2.3 Il-Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) ikun suġġett għall-istess liġijiet, ordnijiet u regolamenti kif applikabbli għall-uffiċċjali tal-Pulizija. Ikun suġġett ukoll għad-dixxiplina kif ikkontemplat fl-Att dwar il-Pulizija, Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta.

2.4 Minħabba li din hija pożiżżjoni de jure temporanja (u għandha tibqa' hekk) il-pożiżżjoni ta' Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) taqa' taħt ir-regolament 7 (4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.81 intitolat 'Kuntratt ta' Servizz għal Termini Fissi'.

2.5 Il-Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) jista' wkoll ikun meħtieġ jagħmel korsijiet qosra inkonnessjoni mad-dmirijiet tiegħu.

Salarju marbut mal-pozizzjoni

3. Il-Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) jiġi imħallas sa massimu ta' tnax (12)-il siegħa fil-ġimgħa, bir-rata ta' €10.99 fis-siegħa, skont Salarju 11 Skala 7 fl-2022.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) jinkludu li:

i. Kuntistabbli ta' Riserva (Bandist) irid ikun profiċjenti fid-daqq tal-istrumenti tal-mużika;

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY, REFORMS AND EQUALITY

Position of Reserve Police Constable (Bandsman) in the Police Department in the Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality invites applications for the position of Reserve Police Constable (Bandsman) in the Police Department in the Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a one (1) year assignment as a Reserve Police Constable (Bandsman), which may be renewable for further periods, following satisfactory performance.

2.2 The Commissioner of Police reserves the right to terminate without prior notice, any engagement of Reserve Police Constable (Bandsman) upon any justifiable cause.

2.3 Reserve Police Constables (Bandsman) will be subject to same laws, rules and regulations as apply to serving Police Officers. They are also subject to discipline as stipulated in the Police Act, Cap. 164 of the Laws of Malta.

2.4 Since this is a position de jure a temporary one (and should remain so), the position of Reserve Police Constable (Bandsman) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

2.5 Reserve Police Constable (Bandsman) may be required to undergo short courses in relation to their duties.

Salary pegged to the position

3. The Reserved Police Constable (Bandsman) will be paid for a maximum of twelve (12) hours per week atn €10.99 per hour, as per Salary Scale 11 Step 7 in 2022.

Duties

4. The job duties for the position of Reserve Police Constable (Bandsman) include:

i. Reserve Police Constable (Bandsman) is to be proficient in playing musical instrument;

ii. Ikun parti mill-Banda tal-Pulizija ta' Malta;

iii. Jaqdi dmirijiet skont kif mistenni mill-bandisti tal-Banda tal-Pulizija ta' Malta;

iv. Kwalunkwe kompitu relatat mal-Banda tal-Pulizija ta' Malta, li s-superjuri jista' jiddelega lilu/lilha, kif jista' jkun meħtieġ;

v. Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-Banda tal-Pulizija, li l-Kummissarju tal-Pulizija jista` jiddelega lilu/ha kif jista` jkun meħtieġ.

vi. Kwalunkwe dmir ieħor relatat mal-Banda tal-Pulizija, hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

c. ikunu medikament b'saħħithom f'kull aspett, kemm fiżikament u mentalment;

d. applikazzjonijiet mingħand kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi u/jew body piercing jiġu kkunsidrati skont il-każ;

e. Profiċjenti fil-mużika f'wieħed jew iktar minn dawn l-istrumenti:-Flute; Oboe; Eb Clarinet; Clarinet; Bass Clarinet; Alto Saxophone; Tenor Saxophone; Soprano Saxophone; Baritone Saxophone; Trumpet/Flugel Horn; French Horn; Baritone/Euphonium; Eb Tuba; Bb Tuba; Bass Guitar; Lead/Rhythm Guitar; Keyboards jew strumenti ta' perkusjoni.

5.2 Tingħata preferenza lil kandidati li għandhom esperjenza fil-Banda tal-Pulizija ta' Malta jew banda militari.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awotrità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

ii. Be part of the Malta Police Band;

iii. Perfom duties as requested of the bandsmen within the Malta Police Band;

iv. Undertakes any other tasks related to the Malta Police Band, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

v. Undertakes any other tasks related to the Malta Police Band, which the Commissioner of Police may delegate to him/her, as may be required;

vi. Any other duties related to the Malta Police Band as directed by the Principal Permanent Secretary

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. able to communicate in the Maltese and English languages;

c. be medically fit in all aspects, physically and mentally;

d. applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing will be considered on a case by case basis;

e. Musically proficient in one or more of the following instruments:- Flute; Oboe; Eb Clarinet; Clarinet; Bass Clarinet; Alto Saxophone; Tenor Saxophone; Soprano Saxophone; Baritone Saxophone; Trumpet/Flugel Horn; French Horn; Baritone /Euphonium; Eb Tuba; Bb Tuba; Bass Guitar; Lead/Rhythm Guitar; Keyboards or percussion instruments.

5.2 Preference will be given to those candidates having experience in the Malta Police Band or military bands.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

L-applikanti kollha ikunu suġġetti għall-screening matul il-proċess kollu tas-selezzjoni. Jekk ma jintlaħaqx l-istandard meħtieġ, l-applikanti ikunu ikkunsidrati ineliġibbli.

5.4 L-applikanti li jkunu għadhom fis-servizz iridu jirtiraw mill-Forza Dixxiplinarja qabel ma jibdew it-taħriġ. L-applikanti jridu jipprovdu dokument li jkunu irtiraw mill-Forza Dixxiplinarja.

5.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 IT-TIENI PARTI-INTERVISTA SELETTIVA

7.1 Issir intervista selettiva sabiex tevalwa l-kapaċitajiet tal-applikanti. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li l-persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 L-applikanti li ma jgħaddux mill-intervista u/jew mit-test jiġu skwalifikati.

7.3 Il-postijiet vakanti jimtlew skont l-ordni tal-mertu tal-intervista. Ir-riżultat jibqa' validu għall-perjodu ta' sena (1) minn meta jiġu ippublikat ir-riżultat.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa,

All applicants will be subject to additional screening throughout the whole selection process. Failure to meet the required standards would result in the ineligibility of the applicant.

5.4 Applicants who are serving officers must be retired from the Discipline Force before commencement of training. Applicants must produce attested documentation of retirement from the Disciplined Force.

5.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal on (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

7. PART TWO-SELECTIVE INTERVIEW

7.1 A selective interview will be held so to evaluate the capabilities of applicants. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Applicants who fail the interview and/or test will be disqualified.

7.3 Vacant posts will be filled according to the final order of merit in the interview. The result will be valid for a period of one (1) year from the notification of results.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs, Security, Reforms and Equality through the Online Government Recruitment Portal **o n l y** on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th December, 2022. A computer-

30 ta' Diċembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 L-applikanti jiġu mistiedna jattendu fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani biex jimlew Additional Information Sheet, bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. L-Additional Information Sheet għandha timtela' fil-preżenza ta' Uffiċjal mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani jew/u uffiċjal ieħor maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija.

8.3 Hija r-responsibilta tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazjoni tagħhom.

8.4 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.5 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat; e
żami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Pjazza San Kalċidonju, il-Furjana. Dawn id-idspożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (www.homeaffairs.gov.mt) u (hr.police@gov.mt)

Is-16 ta' Diċembru, 2022

generated e-mail will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 The applicants will then be invited to attend at the Human Resources Section to complete an Additional Information Sheet, as part of the application process. The Additional Information Sheet is to be filled in the presence of a Human Resources Officer and/or another officer appointed by the Commissioner of Police.

8.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.4 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the later, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details; retention of documents

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division at the address (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Human Resouces Office, Police General Headquarters, St. Calcedonius Square, Floriana. These genera provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and e-mail address of the receiving Department/Division/Directorate are (www.homeaffairs.gov.mt) and (hr.police@gov.mt).

16th December, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Post ta' Manager I (Compliance) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I (Compliance) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I (Compliance) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2022 huwa ta' €21,950 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €24,396.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I (Compliance) fi Skala ta' Salarju 10 titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 fis-sena 2022) wara sentejn (2) servizz bħala Manager I (Compliance) fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I (Compliance) fi Skala ta' Salarju 9 titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz bħala Manager I (Compliance) fi Skala ta' Salarju 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Persuna fil-grad ta' Manager I (Compliance) fi Skala ta' Salarju 8 titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€26,438 x €531.17 - €29,625 fis-sena 2022) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager I (Compliance) fi Skala ta' Salarju 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.7 Il-persuni maħtura jkunu intitolati wkoll għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata,

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Post of Manager I (Compliance) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the post of Manager I (Compliance) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I (Compliance) is Salary Scale 10, which in year 2022 is €21,950 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €24,396.

2.4 A Manager I (Compliance) in Salary Scale 10 will progress to Salary Scale 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 in 2022) on completion of two (2) years service as Manager I (Compliance) in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.5 A Manager I (Compliance) in Salary Scale 9 will progress to Salary Scale 8(€24,845 x €486.83 - €27,766 in 2022) on completion of five (5) years service as Manager I (Compliance) in Salary Scale 9, subject to satisfactory performance.

2.6 A Manager I (Compliance) in Salary Scale 8 will progress to Salary Scale 7(€26,438 x €531.17 - €29,625 in 2022) on completion of three (3) years service as Manager I (Compliance) in Salary Scale 8, subject to satisfactory performance.

2.7 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.8 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are

sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.9 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. L-applikanti maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u jekk maħtura għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.10 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.11 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I (Compliance) jinkludu:

i. Jassisti fi twissija u jiprovdi pariri lill-Management fuq kwistjonijiet li joħorgu minn fatturi ta' konformità, partikolarment fuq irregolaritajiet li jista' jkun hemm;

ii. Jiċċekkja l-applikazzjonijiet jew dokumenti biex jassigura il-konformità mal-proċeduri u mar-rekwiżiti eżistenti;

iii. Jipprepara rapporti ta' konformità u jiddiskuti mal-Head of Unit fir-rigward ta' miżuri korretivi u jassiti waqt l-implimentazzjoni;

iv. Jappoġġja fil-monitoraġġ tal-istandards tal-kontrolli interni u approċċi fir-Risk Management addattati fil-Ministeru;

v. Jipprovdi l-appoġġ neċessarju waqt il-preparamenti ta' status review u assessjar fuq konformità u kontroll intern fi ħdan il-Ministeru;

applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.9 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.10 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere, in accordance with established vacancies.

2.11 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Manager I (Compliance) include:

i. Assists in alerting and providing advice to Management on issues emerging from compliance matters in particular to any irregularities that emerge;

ii. Vets any applications or documents to ensure compliance to existing procedures / requirements;

iii. Prepares compliance reports and discusses with Heads of units regarding any corrective measures and assists during their implementation;

iv. Supports the monitoring of the internal control standards and risk management approaches adopted within the Ministry;

v. Provides the necessary support during the preparation of status reviews and assessments on compliance and internal control within the Ministry;

vi. Jassisti fl-immaniġġjar ta' kontrolli regolari fuq funzjonijiet u proċeduri ta' oqsma u dipartimenti differenti;

vii. Jagħti l-appoġġ lid-Dipartimenti fuq kwistjonijiet ta' konformità u jassigura li l-iskadenzi fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' konformità jiġu mħarsa;

viii. Jaġġixxi bħala il-punt ta' kuntatt għal xi lmenti li jsiru minn klijenti interni u esterni u jassigura li r-rapporti rikjesti jkunu preparati u sottomessi fil-ħin;

ix. Jassigura l-użu xieraq u jaġġorna regolarment id-databases relatati ma' konformità, kif ukoll jżommm il-files relvanti aġġornati kif suppost;

x. Jassisti f'kontrolli u verifikazzjonijiet neċessarji kif dirett mill-Management;

xi. Jattendi konferenzi kemm lokali kif ukoll barra, meta jkun bżonn u jieħu il-minuti waqt il-laqgħat, kif ukoll jiprepara id-dokumentazzjoni meħtieġa;

xii. Jwettaq dmirijiet ta' Segretarju jew Registrar għall-Bordijiet, Kumitati u Kunsilli skont kif appuntati mid-Direttur jew is-Segretarju Permanenti;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjuri jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

vi. Assists in managing regular outreach checks on the functions and procedures of the areas in different departments;

vii. Gives due support to the Departments on compliance issues and ensures that any deadlines regarding compliance matters are met;

viii. Acts as the contact point for any complaint lodged by any internal or external clients and ensures that the requested reports are prepared and submitted in a timely manner;

ix. Ensures the proper use of databases and their regular updating, as well as keeping all relevant record files appropriately;

x. Assists in the necessary checks and verifications as directed by the Management;

xi. Attends conferences both local and abroad whenever required and takes proper minutes of meetings as well as preparing necessary documentation;

xii. Performs the duties of secretary or registrar to the Boards, Committees or Councils as appointed by the Director or the Permanent Secretary;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

U

iii. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Work and Human Resources Management, jew Training and Development, jew Public Administration, jew Public Management, jew Corporate Governance and Leadership jew Leadership and Organisational Behaviour jew Management and Leadership or Strategy, jew Leadership and Change Management jew Industrial Relations and Workplace Learning, jew Business Administration.

* Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma 180 ECTS/ECVET krettu, hek kif applikabbli hija accetta biss suggett ghal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tigi sottomessa mal-applikazzjoni.

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007"; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Public Administration or Public Management or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Managment or Leadership or Strategy, Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Business Administration.

*A recognised Qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għanda tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*

*Kwalifiki ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 ECTS/ECVET kretti hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-dat tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Mejju, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifka ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn

iv. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 90 ECTS/ECVETS credits or equivalent*).

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET is only accepted subject to an MFHEA formal Master's recognistion statement being submitted with the application.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st May, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 4.1 (iii) and 4.2.

